TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 477/11/GZ

**Alfred Borg**

**vs**

**Brian Vella – Vella Imports**

Illum 18 ta' Lulju 2012

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fis-16 ta' Novembru, 2011 fejn ir-rikorrent talab rifuzjoni ta' mija disgha u sittin Ewro (€169.00), rapprezentanti prezz ta' DVD player, liema DVD recorder kien difettuz.

Is-socjeta' ntimata ma pprezentatx risposta bil-miktub ghal din it-talba, u lanqas attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent li huwa l-istess rikorrent, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti, kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi:-**

Fl-1 ta' Ottubru 2010 huwa kien xtara, minghand is-socjeta' ntimata, DVD recorder tad-ditta 'Samsung', b'sentejn garanzija.

Fil-11 ta' Ottubru 2010, ir-rikorrent xtara wkoll DVD-VCR recorder, bil-ftehim li s-socjeta' ntimata tibghat tekniku biex jaghtieh taghrif fuq kif juzah.

Fl-4 ta' Ottubru 2011, ir-rikorrent kien mar ghand is-socjeta' ntimata sabiex jirrapporta hsara fid-DVD recorder, fejn is-socjeta' ntimata kienet qaltlu li kienet ser tibghat tekniku kif miftiehem, pero' sa llum il-gurnata it-tekniku ghadu ma ntbaghat l-ebda tekniku.

Illi ghalhekk, ir-rikorrent qed jitlob li jsir appuntament sabiex isir ix-xoghol mehtieg skond il-ftehim tal-bejgh.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Is-socjeta' ntimata, debitament notifikata kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bid-data u l-hin tas-smiegh, u msejjha tliet darbiet, m'attendietx ghas-seduta, kif ukoll jinnota li sal-hin tas-seduta s-socjeta' ntimata kienet ghadha ma baghtietx risposta bil-miktub.

It-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrent, huwa rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub.

Ir-rikorrent ezebixxa l-ircevuti datati l-1 ta' Ottubru 2010 ghad-DVD recorder in kwistjoni, fl-ammont ta' mija disgha u sittin Ewro u wiehed u disghin centezmi (€169.91), li gew immarkati bhala Dok.AB1.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jinnota n-nuqqas ta' rispett da parte tas-socjeta' ntimata lejn ir-rikorrent, billi ma pprezentat l-ebda risposta ghat-talba in kwistjoni, kif ukoll in-nuqqas ta' rispett li ntwera lejn dan it-Tribunal, billi lanqas biss indenjat ruhha tidher ghall-udjenza appuntata. It-Tribunal jikkonkludi, hekk skond il-provi, illi allavolja ma ngabet l-ebda prova rigwardanti l-ftehim verbali li xehed fuqu r-rikorrent, xorta wahda jibqa' l-fatt illi s-socjeta' ntimata naqqset fis-servizz taghha lejn ir-rikorrent konsumatur, billi ma tghatx l-ghajnuna teknika hekk rikjesta, meta fl-ahhar mill-ahhar id-DVD recorder kien ghadu kopert bil-garanzija, u ghalhekk qed jilqa' t-talba tar-rikorrent u jordna lis-socjeta' ntimata tibghat persuna teknika fir-residenza tar-rikorrent sabiex jassistieh, u jekk dan ma jsirx fi zmien xahar mid-data ta' din is-sentenza, it-Tribunal qed jordna lis-socjeta' ntimata thallas l-ammont ta' mija disgha u sittin Ewro (€169.00) lir-rikorrent, bl-ispejjez tal-kawza kontra s-socjeta' ntimata.

**Avv. Gabrielle Zammit**
**Arbitru**